II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' April 2009

## dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fi Franza

(2009/414/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 104(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet magħmula minn Franza,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 104 tat-Trattat l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir hu bbażat fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi.

(3) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) skont l-Artikolu 104, kif ikkjarifikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [1] (li jagħmel parti mill-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir), jaħseb għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat jistabbilixxi aktar dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-PŻE. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 [2] jistabbilixxi r-regoli ddettaljati u d-definizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Protokoll imsemmi.

(4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir ipprovat issaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tissalvagwarda s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien. Hu kellu l-għan li jiżgura li b'mod partikolari l-isfond ekonomiku u baġitarju jitqies b'mod sħiħ fil-passi kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir jipprovdi l-qafas li jappoġġa l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji mingħajr problemi billi titqies is-sitwazzjoni ekonomika.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat jinħtieġ li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li żbilanċ eċċessiv jeżisti fi Stat Membru jew jista' jeżisti. Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport tagħha skont l-Artikolu 104(3) u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 104(4), ikkonkludiet li jeżisti żbilanċ eċċessiv fi Franza. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat tali opinjoni lill-Kunsill fir-rigward ta' Franza fl-24 ta' Marzu 2009 [3].

(6) L-Artikolu 104(6) tat-Trattat jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkunsidra kull osservazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq li jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni ġenerali, jekk jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ ta' Franza, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[2] ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għal Franza jinsabu fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/pdfsearch/pdf.cfm?mode=_m2

(7) Skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet Franċiżi fis-6 ta' Frar 2009, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fi Franza laħaq it-3,2 % tal-PGD fl-2008 ([1]), għalhekk qabeż it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD. Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 104(3) jikkunsidra li l-iżbilanċ kien viċin it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD iżda li l-eċċess fuq il-valur ta' referenza ma jistax ikun ikkwalifikat bħala eċċezzjonali fit-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. B'mod partikolari, ma jistax jitqies li hu jirriżulta mir-reċessjoni ekonomika severa fl-2008 fit-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. Skont l-uffiċċju tal-istatistika Franċiż (INSEE), it-tkabbir tal-PGD hu stmat li laħaq 0,7 % tal-PGD fl-2008, wara 2,2 % fl-2007. L-eċċess aktar mill-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala temporanju. Skont it-tbassir intermedjarju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern hu maħsub li jilħaq il-5,4 % tal-PGD fl-2009 u, fuq bażi ta' ebda bidla fil-politika, għandu jonqos kemm kemm għal 5 % tal-PGD fl-2010 billi l-impatt baġitarju tal-pjan ta' rkupru jispiċċa gradwalment. Għalhekk il-kriterju ta' żbilanċ fit-Trattat mhux issodisfatt.

(8) Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti" jistgħu jitqiesu biss fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv skont l-Artikolu 104(6) jekk il-kundizzjoni doppja – li l-iżbilanċ jibqa' viċin tal-valur ta' referenza u li l-eċċess aktar mill-valur ta' referenza hu temporanju – tkun osservata. Fil-każ ta' Franza, din il-kundizzjoni doppja mhix osservata. Għalhekk, il-fatturi rilevanti mhumiex qed iqisu l-passi li jwasslu għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni ġenerali jirriżulta li jeżisti defiċit eċċessiv fi Franza.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fil-Lussemburgu, 27 ta' April 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VONDRA

([1]) Il-Gvern ħabbar fl-4 ta' Marzu li l-iżbilanċ kellu jilħaq 3,4 % tal-PGD fl-2008. Din l-istima mhix finali.